

31999R1655

29.7.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 197/1

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1655/1999 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tad-19 ta' Lulju 1999
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2236/95 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-ġhotti ta' l-ghajjnuna
finanzjarja Komunitarja fil-qasam ta' networks trans-Ewropej

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' Artikolu 156(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽³⁾,

Waqf li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 251 ta-Trattat ⁽⁴⁾

- (1) Billi l-esperjenza fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2236/95 ⁽⁵⁾ uriet li jeħtieġ isiru għadd ta' emendi fih;
- (2) Billi huwa meħtieġ li jiġi faċilitat il-finanzjament ta' ċerti proġetti billi tiġi inkluża, fost forom oħra possibbli ta' ghajjnuna, kontribuzzjoni għall-formazzjoni ta' kapital għar-riskju; billi hija ħaġa ta' min jixtieqha li r-riżorsi finanzjarji providuti taħt ir-Regolament (KE) Nru 2236/95 jintużaw biex ikabbru kemm jista' jkun il-kontribuzzjoni mill-finanzi privati;
- (3) Billi saff ta' kapital għar-riskju fil-pakkett finanzjarju ta' proġett jista' jikkontribwixxi biex proġetti ta' networks trans-Ewropej jingħataw spinta; billi l-provista ta' kapital għar-riskju għall-infrastrutturi trans-Ewropej, partikolarment fl-istadji bikrija tagħhom, hija limitata;
- (4) Billi huwa appropjat li wieħed jippermetti l-parteċipazzjoni ta' kapital għar-riskju f'fondi ta' investment li jikkonċentraw primarjament fuq li jipprovdu

dan il-kapital għar-riskju fi proġetti ta' network trans-Ewropej sa 1 % ta' l-ammont globali għall-perjodu 2000 sa 2006 u dan biex tinkiseb esperjenza f'din il-forma ġdida ta' finanzjament; billi dan il-limitu jista' jiġi miżjud sa 2 % wara reviżjoni fit-tħaddim ta' dan l-istrument; billi huwa wkoll appropjat li wieħed jistħarreġ il-possibiltà ta' l-estensjoni tiegħu fil-ġejjieni;

- (5) Billi xierqa, sabiex tiżdied it-trasparenza u jintlaqgħu l-aspettattivi għal proġetti jew gruppi ta' proġetti li jkollhom ħtiġiet finanzjarji importanti għal perjodu twil, li jsiru programmi multi-annwi indikattivi f'setturi jew oqsma speċifiċi; billi daww il-programmi għandhom jagħtu indikazzjoni dwar l-ammont totali u annwali ta' appoġġ li jista' jiġi allokat għal ċertu perjodu għal proġett bħal dan jew grupp ta' proġetti, u li għandu jservi bħala referenza għad-deċiżjonijiet annwali biex tingħata ghajjnuna finanzjarja annwa mill-appropriazzjonijiet tal-budget, meta dawn jikkonformaw mal-programmi indikattivi multiannwi relevanti; billi, madanakollu l-ammonti annwali indikati f'dawn il-programmi ma jammontawx għal obbligi mill-budget;
- (6) Billi l-proġetti jew il-gruppi ta' proġetti għandhom ikunu jstgħu jibbenefikaw minn deċiżjonijiet suċċessivi ta' ghajjnuna finanzjarja;
- (7) Billi, fl-applikazzjoni għal appoġġ finanzjarju għal proġett, hija meħtieġa analiżi dettaljata ta' l-istimi dwar is-sorsi tal-kontribuzzjonijiet mill-Komunità u minn korpi nazzjonali, reġjonali u tal-gvern lokali, kif ukoll id-daqs tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mis-settur.
- (8) Billi l-ghajjnuna finanzjarja mogħtija għandha tiġi kanċellata ħlief f'każi ġustifikati kif imiss jekk l-azzjonijiet konċernati ma jkunux inbdew sa ċerta data;
- (9) Billi huwa meħtieġ li jiġu inklużi l-attivitajiet tal-Fond Ewropew għall-Investment fost l-istrumenti finanzjarji Komunitarji li bihom l-azzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 2236/95 hemm bżonn li tkun koordinata.

⁽¹⁾ ĠU Ċ 175, tad-9.6.1998, p.7

ĠU Ċ 27, tat-2.2.1999, p.18

⁽²⁾ ĠU Ċ 407, tat-28.12.1998, p.120.

⁽³⁾ ĠU L 93, tas-6.4.1999, p.29.

⁽⁴⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 1998 (ĠU C 379, tas-7.12.1998, p.186), Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1998 (ĠU Ċ 49, tat-22.2.1999, p. 4) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Meju 1999 (għad mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 1999.

⁽⁵⁾ ĠU L 228, tat-23.9.1995, p.1.

- (10) Billi l-Kummissjoni għandha tkun kapaċi ġġiegħel lill-benefiċjarji jipprovdu l-istimi dwar il-proġetti appoġġati taħt ir-Regolament (KE) Nru 2236/95 jew l-informazzjoni meħtieġa li tippermetti lill-Kummissjoni biex tagħmel l-istima tagħha;
- (11) Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/373/KEE ⁽¹⁾ tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri konferiti lilha mill-Kunsill għall-implimentazzjoni ta' l-atti li hija tadotta; billi l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom iqisu l-modifiki ta' l-arranġamenti eżistenti stabbiliti bil-ftehim inter-istituzzjonali jew bid-Deċiżjoni 87/373/KEE;
- (12) Billi minħaba l-importanza tan-*networks* trans-Ewropej, huwa approprjat li jiġi inkluż fir-Regolament (KE) 2236/95, qafas finanzjarju fis-sens tal-punt 1 tad-Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 1995, ta' 4600 miljun EUR għall-implimentazzjoni tiegħu għall-perjodu mill-2000 sa l-2006.
- (13) Billi huwa approprjat li l-Kunsill jeżamina jekk għandux ikompli jew jemenda l-miżuri taħt ir-Regolament (KE) Nru 2236/95 fid-dawl tar-rapport komprensiv imressaq mill-Kummissjoni qabel tmiem l-2006.
- (14) Billi, matul il-perjodu transitorju mill-1 ta' Jannar 1999 sal-31 ta' Diċembru 2001, ir-referenzi kollha għall-euro għandhom jinqraw bħala referenzi għall-euro bħala unità monetarja kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro ⁽²⁾;
- (15) Billi r-Regolament (KE) Nru 2236/95 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Nru 2236/95 qed jiġi b'hekk emendat kif ġej:

1. Artikolu 2(2) għandu jitħassar.
2. Artikolu 3 għandu jitħassar.
3. Artikolu 4 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Il-forom ta' għajjnuna

1. Għajjnuna Komunitarja tista' tieħu waħda jew ħafna minn dawn il-forom li ġejjin:

- (a) il-ko-finanzjament ta' l-istudji relatati ma' proġetti, inklużi studji preparatorji, dwar il-fattibilità u l-valutazzjoni, u miżuri oħra ta' appoġġ tekniku għal dawn l-istudji. Il-parteċipazzjoni Komunitarja tista' b'mod ġenerali ma tiskorrix il-50 % ta' l-ispiża totali ta' studju.

F'każi eċċezzjonali, sostanzjati kif xieraq, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u bil-kunsens ta' l-Istat Membru konċernat, il-parteċipazzjoni Komunitarja tista' tiskorri l-limitu ta' 50 %;

- (b) is-sussidji ta' l-interessi fuq is-self mogħti mill-Bank Ewropew għall-Investment jew minn korpi oħra finanzjarji pubbliċi u privati. Bħala regola ġenerali, il-perjodu tas-sussidju m'għandux jiskorri l-ħames snin;
- (c) il-kontribuzzjonijiet għal drittijiet għal garanziji għal-self mill-Fond Ewropew għall-Investment jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra;
- (d) l-għotjiet diretti għall-investimenti f'każi ġustifikati kif imiss;
- (e) il-parteċipazzjoni f'kapital għar-riskju għall-fondi ta' l-investment jew impriżi finanzjarji komparabbli b'attenzjoni prijoritarja fuq il-provista ta' kapital għar-riskju għal proġetti ta' *network* trans-Ewropej u l-involviment ta' investment sostanzjali mis-settur privat; din il-parteċipazzjoni tal-kapital għar-riskju m'għandhiex tiskorri l-1 % tar-riżorsi tal-*budget* taħt Artikolu 18. Skond il-proċedura speċifikata f'Artikolu 17, dan il-limitu jista' jiżdied sa 2 % mill-2003 fid-dawl ta' reviżjoni, li għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mill-Kummissjoni, dwar il-funzjonament ta' dan l-instrument.

Modalitajiet oħra għall-implimentazzjoni ta' din il-parteċipazzjoni f'kapital għar-riskju huma stabbiliti fil-Anness.

Il-parteċipazzjoni tista' ssir direttament fil-fond jew fl-impriża finanzjarja komparabbli jew fi struttura approprjata ta' investment mħaddma mill-istess amministraturi tal-fond;

- (f) L-għajjnuna Komunitarja taħt il-punti mjnn (a) sa (e) għandha tiġi kombinata fejn ikun approprjat, biex tkabar kemm jista' jkun l-istimulu provdut mir-riżorsi tal-*budget* li jkunu nħarġu, li għandhom jintużaw bl-aktar mod ekonomiku.

2. Il-forom ta' għajjnuna Komunitarja msemmija taħt il-punti minn (a) sa (e) għandhom jintużaw selettivament biex iqisu l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi tipi ta' *network* involuti u biex jiżguraw li din l-għajjnuna ma toħloqx tgħawwiġ fil-kompetizzjoni bejn l-impriżi fis-settur konċernat.

3. Il-finanzjament ta' proġetti infrastrutturali tat-trasport matul il-perjodu msemmi f'Artikolu 18 għandu jintuża b'mod li mill-anqas 55 % jiġi dedikat lill-ferroviji (inkluż it-trasport kombinat) u massimu ta' 25 % lit-toroq.

4. Il-Kummissjoni għandha speċifikament tħajjar biex wieħed jirrikorri għal sorsi privati ta' finanzjament għal proġetti finanzjati taħt dan ir-Regolament fejn l-effett multiplikatur ta' l-istrumenti finanzjarji Komunitarji jista' jtkabbar permezz ta' sħubija pubblika-privata. Kull każ għandu jiġi eżaminat individwalment mill-Kummissjoni, waqt titqies fejn ikun approprjat alternattiva possibbli finanzjata biss mir-riżorsi pubbliċi. Ikun meħtieġ l-appoġġ ta' kull Stat Membru konċernat għal kull proġett skond it-Trattat’.”

⁽¹⁾ ĠU L 197, tat-18.7.1997, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 139, tal-11.5.1998, p. 1.

4. F'Artikolu 5(3) għandu jiddaħħal is-sotto-paragrafu li ġej:

"Eċċezzjonalment, fil-każ ta' proġetti dwar il-posizzjonar u n-navigazzjoni tas-satelliti kif previst f'Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE (*) l-ammont toali ta' l-ghajjnuna Komunitarja taħt dan ir-Regolament tista' tlaħħaq l-20 % tat-total ta' l-ispejjeż ta' l-investment mill-1 ta' Jannar 2003, wara reviżjoni.

(*) ĠU L 228, tad-9.9.1996, p.1.",

5. Għandu jidħol dan l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 5a

Il-programm Komunitarju multiannwu indikattiv

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' Artikolu 6 u biex titjeb l-effiċjenza ta' l-azzjoni Komunitarja, il-Kummissjoni tista', b'konformità mal-proċedura stabbilita f'Artikolu 17, telabora skond is-setturi programm indikattiv multiannwu (minn issa l quddiem imsejjaħ 'il-programm') fuq il-bażi tal-linji gwida msemmija f'Artikolu 155 tat-Trattat. Il-programm ikun ibbażat fuq applikazzjonijiet għal għajjnuna finanzjarja taħt Artikolu 8 u jirrifletti, fost l-oħrajn, informazzjoni provduta mill-Istati Membri, b'mod partikolari l-informazzjoni li tidher f'Artikolu 9.

2. Il-programm għandu esklussivament ikun magħmul minn proġetti ta' interess komuni u/jew gruppi koerenti ta' proġetti ta' interess komuni, kif identifikati minn qabel fil-qafas tal-linji gwida msemmija f'Artikolu 155(1) tat-Trattat, f'oqsma speċifiċi li jkollhom ħtiġiet finanzjarji sostanzjali fuq perjodu twil.

3. Għal kull proġett jew grupp ta' proġetti msemmija fil-paragrafu 2 il-programm għandu jistabbilixxi l-ammonti indikattivi għall-għoti ta' l-ghajjnuna finanzjarja soġġetta għad-deċiżjonijiet annwali ta' l-awtorità tal-budget. Mhux aktar minn 75 % tar-riżorsi tal-budget taħt Artikolu 18 għandhom jintużaw għall-iskopijiet tal-programmi indikattivi multiannwi.

4. Il-programm għandu jservi bħala referenza għad-deċiżjonijiet annwali li jallokaw l-ghajjnuna Komunitarja għal proġetti fl-approprijazzjonijiet annwali tal-budget. Il-Kummissjoni għandha regolarment tinforma lill-Kumitat imsemmi f'Artikolu 17 dwar il-progress tal-programmi u dwar kull deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni fl-allokazzjoni ta' l-ghajjnuna Komunitarja għall-proġetti. Id-dokumenti sostantivi li jmorru ma' l-abbozz tal-budget preliminari tal-Kummissjoni għandu jkun fihom rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' kull programm multiannwu indikattiv skond ir-Regolament Finanzjarju.

Il-programm irid jiġi eżaminat mill-ġdid, talanqas f'nofs il-perjodu jew fid-dawl tal-progress effettiv tal-proġett(i) jew il-grupp(i) ta' proġetti, u jekk ikun meħtieġ, rivedut skond il-proċeduri stabbiliti f'Artikolu 17.

Il-programm għandu wkoll jagħti indikazzjoni ta' sorsi oħra ta' finanzjament għall-proġetti konċernati, b'mod partikolari minn strumenti Komunitarji oħra u mill-Bank Ewropew ta' l-Investment.

5. Fil-każ li jsir tibdil sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-proġett(i) jew il-grupp(i) ta' proġetti, l-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Il-modifiki ta' l-ammonti globali indikattivi stabbiliti mill-programm għall-proġett(i) jew grupp(i) ta' proġetti, li jistgħu jkunu meħtieġa wara dawn il-bidliet, għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura ta' Artikolu 17."

6. F'Artikolu 6 dan is-sotto-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"1 a. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità tad-deċiżjoni tagħha dwar l-għoti ta' għajjnuna Komunitarja mal-prijoritajiet stabbiliti fil-linji gwida għad-diversi setturi stabbiliti skond Artikolu 155(1) tat-Trattat. Din għandha tinkludi l-konformità tagħhom ma' kull ħtieġa li tista' tiġi stabbilita f'dawn il-linji gwida f'termini ta' perċentwal ta' l-ghajjnuna Komunitarja totali."

7. Artikolu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal għajjnuna finanzjarja

L-applikazzjonijiet għal għajjnuna finanzjarja għandhom jitressqu lill-Kummissjoni mill-Istati Membri konċernati jew, bi ftehim ma' l-Istat(i) Membru(i), mill-impriżi jew korpi pubbliċi jew privati direttament konċernati. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ftehim ta' l-Istati Membri konċernati."

8. Artikolu 9(1)(a), it-tmien inċiż, għandu jinbidel b'dan li ġej:

"- pjan finanzjarju li jelenka, feuro jew f'valuta nazzjonali, il-komponenti kollha tal-pakkett finanzjarju, inkluża l-ghajjnuna finanzjarja mitluba mill-Komunità, fid-diversi forom tagħha kif imsemmi f'Artikolu 4, u mill-korpi governattivi lokali, reġjonali u nazzjonali, kif ukoll minn sorsi privati, u l-ghajjnuna diġà mogħtija;"

9. Artikolu 9(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-applikanti għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'kull informazzjoni addizzjonali rilevanti li tkun teħtieġ, bhalmha huma l-parametri, il-linji gwida u l-ipoteżijiet li fuqhom l-analiżi dwar l-ispejjeż/benefiċċji tkun bażata..."

10. Artikolu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 10

L-għoti ta' għajjnuna finanzjarja

B'konformità ma' Artikolu 274 tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tagħti għajjnuna finanzjarja taħt dan ir-Regolament skond l-istima tagħha ta' l-applikazzjoni skond il-kriterji ta' l-għażla. Fil-każ ta' proġetti identifikati fil-programm indikattiv multiannwu rilevanti stabbiliti skond Artikolu 5a, il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjonijiet annwali biex tagħti l-ghajjnuna fl-ammonti finanzjarji

indikattivi previsti f'dak il-programm. Fil-każ ta' proġetti oħra, għandhom jiġu adottati miżuri skond il-proċedura speċifikata f'Artikolu 17. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf id-deċiżjoni tagħha direttament lill-benefiċjarji u lill-Istati Membri."

11. Artikolu 11(7) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"7. In segwitu tal-proċedura stabbilita f'Artikolu 17, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-qafas proċedurali, l-iskeda dwar iż-żmien u l-ammonti għall-ħlas tas-sussidji fuq ir-rati ta' l-interessi, tiggarantixxi sussidji fuq il-premiums u tappoġġa taħt sura ta' parteċipazzjoni f'kapital għar-riskju, fil-fondi ta' investiment jew f'impriżi finanzjarji komparabbli li jkollhom attenzjoni prijoritarja iffukata fuq il-provosta ta' kapital għar-riskju għal proġetti ta' network trans-Ewropej."

12. F'Artikolu 12:

(a) il-frażi introdutturja għall-paragrafu 1 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"1. Biex jiġi garantit li l-proġetti finanzjati minn dan ir-Regolament jintemmu b'suċċess, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kull wieħed skond il-kompetenza tiegħu, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex:"

(b) it-tielet inċiż tal-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"— jirkupraw xi ammonti mitlufa bħala riżultat ta' irregolarità, inkluż l-interessi akkont minħabba l-ħlas tard, skond ir-regoli adottati mill-Komunità. Ħlief fejn l-Istati Membri u/jew l-awtoritajiet pubbliċi li jimplementaw jagħtu prova li huma ma kinux responsabbli għall-irregolarità, l-Istat Membru għandu alternattivament ikun responsabbli għal rimbors ta' xi ammonti li jkunu tħallsu fejn ma kienx support."

(c) il-paragrafu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. Fil-każ ta' għajjnuna Komunitarja mogħtija lil impriżi pubbliċi u privati jew lil korpi direttament konċernati, il-miżuri ta' kontroll għandhom isiru mill-Kummissjoni b'koperazzjoni ma l-Istati Membri, skond kif approprijat."

(d) il-paragrafu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"7. Il-korpi u l-awtoritajiet u l-impriżi pubbliċi jew privati jew il-korpi responsabbli direttament konċernati għandhom iżommu disponibbli għall-Kummissjoni d-dokumenti kollha li jkunu jiġġustifikaw l-ispiża fuq kull proġett għal perjodu ta' ħames snin wara l-aħħar ħlas għar-rigward tal-proġett."

13. F'Artikolu 13, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2a. Ħlief f'każijiet ġustifikati kif imiss quddiem il-Kummissjoni, l-għajjnuna mogħtija għal proġetti li ma jkunux inbdew fi żmien sentejn wara d-data li fiha jkunu mistennija li jibdw, kif indikat fid-deċiżjoni ta' l-għoti ta' l-għajjnuna, din tiġi kanċellata mill-Kummissjoni."

14. Artikolu 14 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Il-koordinazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-koordinazzjoni u l-koerenza bejn il-proġetti u l-programmi msemmija f'Artikolu 5a(1) li jkunu qegħdin isiru skond dan ir-Regolament u l-proġetti li jkunu qed isiru bl-għajjnuna ta' kontribuzzjonijiet Komunitarji, tal-Bank Ewropew għall-Investment, tal-Fond Ewropew għall-Investment u ta' strumenti finanzjarji Komunitarji oħra."

15. Artikolu 15 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 15

Il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-istima.

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġetti taħt dan ir-Regolament tkun soġġetta għal monitoraġġ u valutazzjoni effettivi. Il-proġetti jistgħu jiġu adattati skond ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni.

2. Biex jiġi żgurati li l-għajjnuna Komunitarja tintuża b'mod effiċjenti, il-Kummissjoni u l-Istati Membri konċernati għandhom b'mod sistematiku jagħmlu monitoraġġ tal-progress tal-proġetti, fejn ikun approprijat bil-koperazzjoni tal-Bank Ewropew għall-Investment jew korpi approprijati oħra.

3. Meta tiġi riċevuta applikazzjoni għall-għajjnuna, u qabel tapprovaha, il-Kummissjoni għandha tagħmel stima biex tqis jekk il-proġett ikunx jikkonforma mal-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti f'Artikoli 5 u 6. Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Bank Ewropew għall-Investment jew lil korpi approprijati oħra biex jikkontribwixxu f'din il-valutazzjoni.

4. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iqisu l-mod li bih il-proġetti u l-programmi jkunu twettqu u jqisu l-impatt ta' l-implimentazzjoni tagħhom, sabiex jiġġudikaw jekk l-għajjniet oriġinali jistgħux jintlaħqu, jew ikunux intlaħqu diġà. Din il-valutazzjoni għandha, fost l-oħrajn, tkopri l-impatt tal-proġetti dwar l-ambjent, waqt li tqis il-liġijiet Komunitarji fis-seħħ. Il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta lill-Istat Membru konċernat, titlob ukoll li l-benefiċjarju jipprovi valutazzjoni speċifika fuq proġetti jew gruppi ta' proġetti mgħejjuna skond dan ir-Regolament, jew li jipprovdilha l-informazzjoni u l-għajjnuna meħtieġa biex din tivvaluta dawn il-proġetti.

5. Il-monitoraġġ għandu jsir, fejn ikun pproprijat, b'referenza lejn l-indikaturi fiżiċi u finanzjarji. L-indikaturi għandhom ikunu relatati mal-karattru speċifiku tal-proġetti u l-għajjniet tiegħu. Dawn għandhom jitqiegħdu b'mod li jindikaw:

— l-istadju milħuq fil-proġett b'relazzjoni mal-pjan u l-għajjniet operazzjonali oriġinarjament stabbiliti,

— il-progress milħuq mil-lat maniġerjali u xi problemi relatati.

6. Meta tgħarbel l-applikazzjonijiet individwali għall-għajjnuna, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-riżultati ta' stimuli u ta' valutazzjonijiet li jkunu saru skond dan l-Artikolu.

7. Il-proċeduri għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ, kif previst fil-paragrafi 4 u 5, għandhom jiġu stabbiliti fid-Deċiżjonijiet li japprovaw il-proġetti u/jew fid-dispożizzjonijiet kontrattwali li għandhom x'jaqsmu ma'l-għajnuna finanzjarja."

16. Artikolu 16(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport annwali dwar l-attivitajiet li jkunu twettqu skond dan ir-regolament quddiem il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni biex iqisuhom. Dan ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni tar-riżultati milħuqa bl-għajnuna Komunitarja fid-diversi oqsma ta' applikazzjoni, fil-qafas ta' l-għanijiet oriġinali, kif ukoll kapitolu fuq is-sustanza u l-implimentazzjoni tal-programmi multiannwi kurrenti, b'mod speċjali deskrizzjoni tar-reviżjonijiet provduti f'Artikolu 5a."

17. Artikolu 18 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 18

Ir-riżorsi tal-budget

L-istruttura finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2000 sa l-2006 għandha tkun ta' 4600 miljun EUR.

L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità ta' l-budget fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja."

18. Artikolu 19 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 19

Il-klawsola tar-reviżjoni

Qabel it-tmiem ta' l-2006 il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport komprensiv dwar l-esperjenza li nkisbet mill-mekkaniżmi skond dan ir-Regolament għall-għoti ta' għajnuna Komunitarja, b'mod partikolari l-mekkaniżmi u d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'Artikolu 4. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, waqt li jaġixxu b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-ewwel paragrafu ta' Artikolu 156 tat-Trattat, għandhom jistħarrġu jekk u taħt liema kondizzjonijiet il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom jitkomplew jew jiġu emendati wara tmiem il-perjodu msemmi f'Artikolu 18"

19. Matul it-test, il-kelma "ecu" għandha tinbidel b "euro."

20. It-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jiġi miżjud.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-punt 19 ta' Artikolu 1 għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1999.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. M. GIL-ROBLES

Għall-Kunsill

Il-President

T. HALONEN

ANNEX

"ANNEX

Il-modalitajiet dwar l-implimentazzjoni msemmija f'Artikolu 4(1)(e)**1. Il-kondizzjonijiet dwar il-kontribuzzjoni Komunitarja ta' kapital għar-riskju**

L-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna finanzjarja skond Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament għandhom jinkludu din l-informazzjoni, li tkun sodisfaċenti għall-Kumitat imsemmi f'Artikolu 17 tiegħu, bħala bażi għad-deċizzjonijiet biex tingħata l-ghajjnuna:

- memorandum ta' informazzjoni li jkun fih id-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dokumentazzjoni statutorja tal-fond inkluż l-istruttura legali u amministrattiva tiegħu,
- il-linji gwida dettaljati li jkun fihom l-informazzjoni dwar il-proġetti mira,
- l-informazzjoni dwar l-involviment ta' l-investituri privati,
- l-informazzjoni dwar il-firxa ġeografika,
- l-informazzjoni dwar il-vijabilità finanzjarja tal-fond,
- l-informazzjoni dwar id-drittijiet ta' l-investituri li jieħdu azzjoni ta' rimedju fil-każ li l-obbligi li jsirulhom ma jiġux onorati mill-fond,
- l-informazzjoni dwar il-politka tal-ħruġ mill-fond u l-arranġamenti għax-xoljiment tal-fond,
- id-drittijiet tar-rappreżentanza fil-kumitat ta' l-investituri.

Qabel id-deċiżjoni biex tingħata għajjnuna, il-fond ta' l-investment intermedjarju jew istituzzjoni finanzjarja komparabbli oħra għandu jintrabat li jinvesti mhux anqas mis-somma ekwivalenti għal darbtejn u nofs tal-kontribuzzjoni Komunitarja, fil-proġetti li qabel ikunu ġew identifikati bħala proġetti ta' interess komuni skond Artikolu 155(1) l-ewwel sotto-paragrafu, l-ewwel inċiż tat-Trattat.

L-ghajjnuna Komunitarja għal fondi ta' l-investment jew impriżi finanzjarji komparabbli, jekk tingħata f'forma ta' parteċipazzjoni ta' kapital għar-riskju, għandha tingħata biss, fil-prinċipju, jekk il-kontribuzzjoni Komunitarja tkun tlaħħaq pari passu f'termini ta' riskju ma' investituri oħra fil-fond.

Il-fondi riċevituri ta' l-investment jew impriżi finanzjarji komparabbli għandhom jimxu fuq prinċipji finanzjarji sodi.

2. Il-limiti għal interventi u investment massimu.

Il-kontribuzzjonijiet skond Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament m'għandhomx jiskorru l-1 % ta' l-ammont totali għall-perjodu msemmi f'Artikolu 18. Madanakollu dan il-limitu jista' jiżded skond l-imsemmi Artikolu 4(1)(e).

L-ghajjnuna Komunitarja skond l-imsemmi Artikolu 4(1)(e) m'għandhiex tiskorri l-20 % tal-kapital totali ta' fond tal-investment jew impriża finanzjarja komparabbli.

3. L-immaniġġar tal-kontribuzzjoni Komunitarja

L-amministrazzjoni tal-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tiġi żgurata mill-Fond Ewropew għall-Investment (EIF). It-termini u l-kondizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-ghajjnuna Komunitarja skond Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament, inkluż il-monitoraġġ u l-kontroll tagħha, għandhom jiġu stabbiliti fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-EIF, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness.

4. Dispożizzjonijiet oħra

Id-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-istima, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni kif speċifikat fir-Regolament għandhom japplikaw fl-intier tagħhom għal Artikolu 4(1)(e) tiegħu, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-kondizzjonijiet għal għajjnuna Komunitarja, dwar il-kontroll finanzjarju u t-tnaqqis, is-sospensjoni u l-kanċellament ta' l-ghajjnuna. Din għandha, inter alia, tkun żgurata permezz ta' dispożizzjonijiet approprijati fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-EIF u ftehim approprijat ma' fondi ta' investituri jew impriżi oħra komparabbli li jistipulaw il-kontrolli meħtieġa fil-livell ta' proġetti individwali ta' interess komuni. Għandhom isiru arranġamenti approprijati biex jippermettu lill-Qorti ta' l-Awdituri li teżerċita l-missjoni tagħha b'mod partikolari sabiex tivverifika r-regolarità tal-ħlasijiet li jkunu saru.

Il-ħlasijiet taħt Artikolu 4(1)(e) għandhom ikunu regolati b'Artikolu 11(7) tiegħu, minkejja Artikolu 11(6) tiegħu. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' l-investment jew qabel skond kif ikun il-każ, kull bilanċ li jirriżulta minn radd lura ta' kapital investit jew minn distribuzzjoni ta' profitti u qliegħ kapitali u kwalunkwe distribuzzjoni u l-oħrajn kollha dovuti lill-investituri għandhom ikunu ritornati lill-budget Komunitarju.

Id-deċiżjonijiet biex jipprovdu parteċipazzjonijiet f'kapital għar-riskju taħt Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament għandhom jitressqu lill-Kumitat imsemmi f'Artikolu 17 tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-imsemmi Kumitat dwar l-implimentazzjoni tal-parteeċipazzjonijiet f'kapital għar-riskju taħt Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament.

Qabel it-tmiem ta' l-2006, il-Kummissjoni għandha fil-qafas ta' Artikolu 15 tar-Regolament tipprovdi valutazzjoni ta' l-azzjonijiet li jkunu saru taħt Artikolu 4(1)(e) tiegħu, b'mod partikolari fl-utilizzazzjoni tiegħu, l-effetti tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-proġetti trans-Ewropej tan-*network* appoġġati u l-involviment ta' investuri privati fil-proġetti finanzjati.”
